



Brussell, 8 ta' Marzu 2023
(OR. en)

6263/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0103(NLE)**

**AVIATION 26
USA 13
RELEX 176**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha bħala t-tieni parti, l-Iżlanda bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja bħala r-raba' parti; kif ukoll dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Anċillari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha bħala l-ewwel parti, l-Iżlanda bħala t-tieni parti, u r-Renju tan-Norveġja bħala t-tielet parti, dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerka bħala l-ewwel parti, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha bħala t-tieni parti, l-Iżlanda bħala t-tielet parti, u r-Renju tan-Norveġja bħala r-raba' parti – Adozzjoni

1. Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti") ġie ffirmat fil-25 u t-30 ta' April 2007¹ u ġie emendat bi Protokoll² tal-24 ta' Ġunju 2010. Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti ilu fis-seħħ mid-29 ta' Ġunju 2020. Il-Protokoll Emendatorju ilu fis-seħħ mill-5 ta' Mejju 2022.
2. Sussegwentement, ġew innegozjati ftehim għall-adeżjoni tal-Iżlanda u n-Norveġja mal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti ("il-Ftehim ta' Adeżjoni") u ftehim anċillari għall-arranġamenti interni bejn l-Unjoni, in-Norveġja u l-Iżlanda ("il-Ftehim Anċillari").

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2007 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti (2007/339/KE), ĠU L 134, 25.5.2007, p. 4.

² ĠU L 223, 25.8.2010, p.3.

Il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' dawk iż-żewġ ftehimiet fit-2 ta' Mejju 2011 (ST 9849/11).

3. Flimkien mar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Adeżjoni u l-Ftehim Anċillari fis-16 ta' Ġunju 2011 (Deċiżjoni 2011/708/UE)³.
4. Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' April 2015 fil-kawża *Kummissjoni vs Kunsill*, C-28/12⁴, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeterminat li l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjonijiet ibridi, bħad-Deċiżjoni 2011/708/UE, kienet inkompatibbli mat-Trattati u għalhekk annullat id-Deċiżjoni 2011/708/UE. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li żżomm l-effetti tad-deċiżjoni annullata sad-dħul fis-seħħ, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, ta' deċiżjoni ġdida li ser tiġi adottata mill-Kunsill skont l-Artikolu 218(5) u (8) TFUE.
5. B'segwitu għal dik is-sentenza, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill ġdida biex tissostitwixxi d-deċiżjoni annullata (ST 11984/16 + ADD1 REV1 + ADD2 REV1).
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni ddiskuta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fit-12 u d-19 ta' Marzu 2019 u fit-12 ta' Diċembru 2022.
7. Wara l-eżami fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill il-ġdida ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 6260/23, u jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni.
9. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-PE.

³ ĠU L 283, 29.10.2011, p. 1–15

⁴ EU:C:2015:282.